KULLEĠĠ SAN NIKOLA
L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
Frar 2014

| Il-Ħames Sena | L-Istudji Soċjali | Il-Ħin: Siegħa u Kwart |
|---|---|---|

L-Isem: ____________________ Il-Klassi: ___________

Marka Totali
______
80

## A. Iċ-Ċittadella

**Aqta' sing taħt il-frażi l-ĦAŻINA (5 marki)**

1. Din il-belt antika hija (mdawra bis-swar, fiċ-ċentru tal-belt kapitali Għawdxija r-Rabat, ikbar mill-Imdina).

2. Fl-1551 wara li t-Torok ħarbu minn Malta, ħabtu għal Għawdex u rnexxielhom (jidħlu fiċ-Ċittadella, jagħmlu ħerba mill-irħula , jisirqu xi ftit żgħażagħ Għawdxin).

3. Illum hekk kif tidħol fiċ-Ċittadella (tiġi ġo pjazza, tilmaħ il-Kon-Katidral ta' San Ġwann, ssib il-bini tal-Qorti).



4. Fost postijiet ta' interess f'din il-belt Għawdxija nsibu (l-Mużew tal-Folklor, l-Ħabs l-Antik, l-Forti Sant Anġlu).

5. Illum mijiet ta' turisti jżuru ċ-Ċittadella u dan huwa ta' benefiċċju għax (jgħin l-ekonomija tal-pajjiż, ħafna Maltin jaħdmu fil-qasam tat-turiżmu, dawn qed iħammġu wisq lil din il-belt antika).

## B. L-Imdina

**Qabbel billi tikteb in-numru fil-kaxxa t-tajba.** **(10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | L-Imdina | | li joqogħdu l-Birgu għax kellhom ix-xwieni tagħhom stazzjonati hemmhekk. |
| 2. | Fi żmien ir-Rumani din il-Belt kienet tliet darbiet | | tissejjaħ ukoll il-Belt Siekta jew Città Notabile. |
| 3. | Publiju, il-gvernatur tal-gżira | | bdiet titlef l-importanza tagħha bħala l-belt kapitali tal-gżira. |
| 4. | Meta ġew l-Għarab | | il-Palazz Vilhena li llum iservi bħala l-Mużew tal-Istorja Naturali. |
| 5. | Il-Kavallieri għażlu | | ikbar milli hi llum. |
| 6. | Minn dak iż-żmien l-Imdina | | trid tgħaddi minn fuq foss. |
| 7. | Biex tidħol l-Imdina | | kellu l-palazz tiegħu fejn illum hemm il-Katidral. |
| 8. | Fuq il-lemin wieħed mill-ewwel jilmaħ | | ċekknu l-Belt b'terz billi bnew is-swar aktar 'il ġewwa. |
| 9. | F'nofs Triq Villegaignon | | ta' ħafna rħula Maltin u l-baħar li jdawwarna. |
| 10. | Minn fuq is-swar tista' tara veduta sabiħa ferm | | wieħed isib il-Pjazza tal-Katidral u l-Katidral innifsu. |



## Ċ. Il-Birgu

**Ikteb VERU jew FALZ fil-kaxxi. (10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-Birgu jinsab fuq għolja f'nofs il-gżira. | |
| 2. | Fil-Forti Sant Anġlu nsibu l-monument li jfakkar meta Malta ħelset mill-ħakkiema barranin. | |
| 3. | Lorenzo Gafà kien il-perit tal-knisja ta' San Lawrenz. | |
| 4. | Fil-knisja ta' San Lawrenz insibu diversi xogħlijiet artistiċi fosthom ta' Mattia Preti. | |
| 5. | Fil-Mużew Marittimu nsibu bosta affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-baħar fosthom ankri li nstabu fil-bajjiet tagħna u mudelli ta' vapuri. | |
| 6. | Dak li llum hu kunvent tas-sorijiet tal-klawsura qabel kien il-Palazz tal-Inkwiżitur. | |
| 7. | Il-Kastell Sant Anġlu kien fortizza importanti fil-Port il-Kbir. | |
| 8. | Il-Palazz tal-Inkwiżitur kien iservi ta' Qorti kif ukoll ħabs. | |
| 9. | Il-Kavallieri ma kellhomx Collachio fil-Birgu u għalhekk ħasbu li jibnu wieħed fil-belt Valletta. | |
| 10. | Il-Birgu huwa peniżola. | |



## D. It-Tlett Ibliet

**Daħħal dawn il-kliem jew frażijiet fil-kolonna t-tajba. (12-il marka)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Collachio | toroq dojoq | Bieb ta' Mondion | Palazz Vilhena |
| Palazz tal-Inkwiżitur | Lorenzo Gafà | Palazzo Falson | Mużew Marittimu |
| Il-Qorti | Il-Mużew tal-Folklor | fortifikazzjonijiet | Katidral iddedikat lil Santa Marija |

| L-Imdina | Il-Birgu | Iċ-Ċittadella | Komuni |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |

## E. Ngħixu mal-Oħrajn

**Għid liema valuri ċiviċi jispikkaw f'dawn it-tfal** **(10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| tal-onestà | tal-ottimiżmu | tar-responsabbiltà |
| tat-tolleranza | tal-ġenerożità | tal-umoriżmu |

1. Michael huwa wieħed li jara s-sabiħ f'kollox. Għalkemm il-Ħadd sebħet ġurnata xita u l-ħarġa ma' tal-mużew tħassret, ma qagħadx jagħmel in-nervi. Ħa l-opportunità li jqatta' ftit ħin ma' ħuh iż-żgħir u wara nofsinhar għamel ftit reviżjoni. Hu ma jagħmilx kollox bi kbir meta xi ħaġa tmur ħażin. Hawn jispikka l-valur ___________________.



2. Martina moħħha biex iddaħħak u tgħid iċ-ċajt. Meta xi ħbieb tal-klassi tagħha jkunu mdejqin araha tgħidilhom xi ċajta u tifqagħhom bid-daħk. Hawn jispikka l-valur ___________________.



3. David jagħmel il-*homework* malajr u bla tnikkir wara l-iskola. Is-Sibt arah jgħin lil missieru jsaqqu l-ġnien. Wara l-ikel jgħin fil-kċina billi jiżbarazza l-mejda u jixxotta l-platti. F'David jidher il-valur ___________________ .



4. Marta fil-klassi għandha tifel refuġjat. Hu ħarab ma' ommu u missieru għaliex f'pajjiżhom hemm gwerra għaddejja. Marta ma qagħditx tħares lejn il-kulur tal-ġilda u dejjem għenitu kemm setgħet. Hawn jispikka l-valur ___________________.



5. Jason mill-ewwel ammetta li kien hu li laqat lil sieħbu Keith waqt il-logħob. Keith weġġa' u kien muġugħ. L-għalliema kellha ċċempel lil ommu biex tiġi għalih l-iskola. Jason wera li kellu l-valur ___________________.





## F. Aqta' sing taħt it-tajba. (2marki)

1. It-tfal għandhom (dmir, dritt) jgħinu lil sħabhom, jagħtu sehemhom fil-familja u fl-għaqdiet li jiffrekwentaw, jisimgħu l-opinjonijiet tal-oħrajn u jirrispettaw lil kulħadd.
2. It-tfal għandhom (dmir, dritt) jitolbu l-għajnuna, jesprimu ruħhom, jgħidu kif jaħsbuha, ikunu jafu x'qed isir fil-familja tagħhom u li jingħataw edukazzjoni xierqa.

## Ġ. Gonsalvo Monroy

**Ikteb in-numri fl-ordni skont kif ġrat l-istorja.**



**(10 marki)**

| | |
|---|---|
| | Malta kienet taħt il-ħakma tas-Sultan Alfonsu ta' Spanja. |
| | Gonsalvo Monroy għamel taxxi ħorox biex jiġbor malajr il-flus li ħareġ. |
| | Is-sultan ma daħħalx flus biżżejjed mit-taxxi tal-Maltin għalhekk biegħ il-gżejjer lil Antonio Cardona għal tletin elf fjorin. |
| | Il-Maltin xebgħu mill-ħakma ta' Gonsalvo Monroy u qamu kontrih. |
| | Meta l-gżejjer inbiegħu lil Cardona, il-Maltin ma ħadux gost u ħassewhom waħedhom maqtugħin mis-Sultan Alfonsu. |
| | Is-Sultan Alfonsu sejjaħ lil Malta "Art Nobbli u ġawhra prezzjuża fil-kuruna tiegħi". |
| | Cardona ddeċieda li jbiegħ il-gżejjer lil Gonsalvo Monroy. |
| | Il-Maltin marru għand is-Sultan Alfonsu u wegħduh li se jiġbru t-tletin elf fjorin u jieħu lil Malta taħt idejh. Huwa laqa' t-talba tagħhom. |
| | Is-Sultan Alfonsu reġa' ħa l-gżejjer Maltin taħt idejh. |
| | Il-Maltin kienu fqar, b'hekk batew ħafna u rnexxilhom jiġbru għoxrin elf fjorin biss. |



## G. L-Akwakultura

**Imla l-vojt bil-kliem ipprovdut.** **(10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ħwienet | Torri ta' San Luċjan | tankijiet | *fishfarms* | nies |
| esportat | Akwakultura | ikel | Marsaxlokk | ifaqqsu |

L-________________ hija t-trobbija ta' ħut, ġo vaski u tankijiet fuq l-art. L-ammont u t-tip ta' ħut li jitkabbar jiddependi ħafna mid-domanda tas-suq jiġifieri dak li jridu n-________________ u tal-________________. Iċ-ċentru tal-akwakultura f'Malta jinsab fit-________________ ġewwa ________________. F'dan il-post insibu ħafna ________________ bl-ilma baħar fejn fihom ________________ l-ħut u jkabbruhom. Meta l-ħut jikber dan jittieħed f'gaġeġ tax-xbieki fil-baħar jew, kif nafuhom aħjar, ________________. Insibu ħafna minnhom f'bajjiet fit-tramuntana ta' Malta. Hawnhekk il-ħut jingħataw ________________ kuljum sakemm jilħqu d-daqs meħtieġ biex jinbiegħ. Ħafna mill-ħut li jitkabbar jiġi ________________ lejn l-Italja.



**GĦ. Immarka t-tajbin (✓)** **(3 marki)**

Barra mit-trobbija tal-ħut fit-Torri ta' San Luċjan isir ukoll:

| | |
|---|---|
| ☐ | studju fuq il-fejqan tal-mard tal-ħut. |
| ☐ | suq ta' ħut. |
| ☐ | l-ipproċessar ta' ħut biex isir tonn taż-żejt. |
| ☐ | esperimenti fuq il-ħut fil-laboratorju. |
| ☐ | fejqan ta' kreaturi tal-baħar (eż. fkieren li jinqabdu fi xbieki). |
| ☐ | restorant li jservi ħut u frott tal-baħar biss. |



**H. Aqta' sing taħt it-tajba.** **(2 marki)**

1. It-Torri ta' San Luċjan kien mibni (mill-Granmastru Wignacourt, min-Normanni, mill-Għarab).
2. Dan inbena (bħala berġa għall-Kavallieri, biex jiddefendi l-bajja ta' Marsaxlokk, biex jintuża bħala sptar).

**Ħ. Wieġeb** **(6 marki)**

1. X'nifhmu meta ngħidu *overfishing* ?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. Semmi żewġ raġunijiet għalfejn l-*overfishing* hu ta' ħsara għall-baħar ta' madwarna.

   a) ______________________________________

   b) ______________________________________

3. Semmi żewġ tipi ta' ħut, barra l-awrata, li jitkabbru fil-*fishfarms.*

   a) ______________________________________

   b) ______________________________________



Tmiem il-Karta